# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

MARZU
1975

**EDITORJAL:**

## IL-LIVELL KULTURALI MALTI

*Ilsienna sab min igħożżu tard fl-istorja ta' artna u f'dan għenu ħafna fatturi. Poplu żgħir dejjem maħkun ma seta' qatt jagħti frott il-moħħ tiegħu jekk ħsiebu kien dejjem kif jaqla' l-ħobżna ta' kull jum u jeħles minn taħt riġel l-għadu. Imma ż-żmien tiegħu wasal bil-ħidma għaqlija u l-kuraġġ ta' xi wħud li fehmu s-siwi tiegħu biex igħaqqad il-poplu bħala nazzjon u jagħtih ftit ta' dinjità. Il-poplu ma setax jitgħallem jekk mhux b'ilsienu u għalhekk għal ħafna snin baqa' jgħum fl-injoranza. U l-injoranza qatt ma ġġib magħha l-iżvilupp.*

*Biż-żmien il-ħidma bdiet twarrad u tagħti xi fjur 'l hawn u 'l hinn u issa l-ward beda jiftaħ ġmielu. Il-letteratura tagħna bdiet tieħu r-ruħ imma għad jonqos ħafna fejn u kif tiżviluppa. Illum ħerġin ħafna kotba kemm ta' poeżija u kemm ta' proża; xi wħud minnhom għad jibqgħu fuq l-ixkaffi tal-biblijoteki u f'idejn l-istudjużi, oħrajn għad igħibu bħalma jiġri meta jingħażel il-qamħ mill-karfa.*

*Il-poeżija hija l-iktar warda li tiftaħ malajr għax iż-żgħożija hija poeżija waħedha. Ir-rumanz irid iktar ħsieb u xogħol, ma jridx biss il-lemħa imma jitlob ukoll is-sengħa. Ħafna mir-rumanzi tagħna kienu jduru fuq l-istorja u msejsa fuq ambjent lokali waqt li l-poeżija sofriet mil-limiti tal-lemħa tagħha fl-istorja u r-reliġjon. Jeħtieġ li t-tnejn jinfetħu iktar u jiżviluppaw f'oqsma oħra u jwessgħu x-xefaq tagħhom. Kitba riflessiva jew, kif isejħulha l-Ingliżi, essay hija donnha għadma iebsa, jew aħjar ftit wisq tħajjar u għalhekk ma tantx żvilippat sewwa. Forsi wieħed iħoss li ċ-ċokon tal-kitba ma hux biżżejjed biex ikabbarlu ismu; xogħol ħafna u qligħ ftit. Id-drammi min-naħa l-oħra ħajru lil ħafna, l-iktar imħabba l-ħtieġa li nħasset bix-xandir tagħhom fuq ir-Rediffusion u l-qligħ li jiġi, għad li żgħir, mix-xandir. Imma jiddispjaċina ngħidu li ħafna ma jilħqu ebda livell.*

*Ftit huma d-drammi serji u ta' siwi letterarju li nkitbu u ħafna drabi baqgħu maqfula fil-kexxun tal-kittieb bla ma ġew f'idejn il-poplu.*

*U hawn mhux ta' min ma jlumx lil min hu responsabbli għat-Teatru Manoel li qed iħalli l-livell tad-drammi li jidhru fih jaqa' u jinżel malart. Teatru nazzjonali għandu jitlob livell l-iktar għoli. Ma ngħidux li awturi li ma jleħħqux il-livell għoli ma għandux jingħatalhom iċ-ċans li juru ħilithom u x-xogħol tagħhom fil-pubbliku, imma dan ma għandux isir fit-teatru nazzjonali. Haġa bħal din twaqqgħelna ġiehna. Hemm ħafna swali oħra imxerrdin mal-Gżira fejn jistgħu jintwerew drammi bħal dawn imma mhux fit-teatru nazzjonali. Il-flus mhumiex kollox. Hawn ta' min isemmi wkoll li hemm drammi serji u letterarjament tajba li ma jistgħux jinħadmu fit-Teatru Manoel imħabba l-ispiża li jitolbu. Hawn tidħol il-missjoni tat-teatru nazzjonali li jgħin il-produzzjoni ta' dil-kwalità billi jwarrab ħafna, jekk mhux għal kollox, il-ħlas li jitlob mill-awtur. Il-kriterju ma għandux ikun biss min ser jiġbed iktar nies u b'hekk idaħħal il-flus, imma kemm hu s-siwi letterarju tad-dramm li jkun ser jintwera. Jekk il-poplu mhux edukat biex japprezza drammi serji u letterarji u allura ma jiġix, dan juri kemm hi kbira l-ħtieġa li nedukawh mhux li nkomplu nagħtuh il-karfa li biha jidħak u jogħxa. Dan imbarra l-fatt li tara nies fl-intervall neqsin milledukazzjoni f'imġibithom kemm kif jitkellmu kemm kif jieħdu xorb u ikel li jkunu ġiebu magħhom.*

*Nixtiequ bis-serjetà li l-livell tal-edukazzjoni tal-poplu jogħla u li l-livell tat-Teatru Nazzjonali tagħna jibqa' għoli u jkompli jogħla. Ebda konsiderazzjoni oħra ma għandha ċċedi għal dan.*

*U kif qed nitkellmu fuq l-edukazzjoni tal-poplu permezz tal-letteratura hawn ma jistax wieħed ma jsemmix oqsma oħra fil-letteratura li baqgħu baxxi. l-xjenzi ftit li xejn tawna xogħol siewi bil-Malti fl-oqsma diversi tagħhom. Jekk ma jkunux il-professjonisti u l-istudenti fil-linja tagħhom li jiktbu u joħorġu kotba fuq il-materja tagħhom, il-poplu tagħna ma jistax jitgħallem. Stajna ħriġna ħafna kotba għall-inqas popolari biex ngħallmu d-diversi xjenzi lill-poplu u hekk nifthulu iktar moħħu.*

*L-istess ngħidu għal dik li hi letteratura reliġjuża li hi kważi ineżistenti. Kotba tad-devozzjoni ħarġu minn żmien għal żmien imma tagħlim sod li jfisser id-duttrina kattolika qatt ma rajna. La għandna kotba oriġinali u anqas biss traduzzjonijiet ta' xogħlijiet klassiċi. Dnub kbir li anqas l-iskrittura għad ma rajna f'idejn il-poplu tagħna. Għad li kellna ħafna sforzi biex tinqaleb għall-Malti minn Alf. Maria Galea, Ġużè Muscat Azzopardi u Dun Pietru Pawl Grima u dan l-aħħar anki*

*mill-Prof. Saydon għad ma għandniex f'idejna test faċli u rħis li jista' jixtrih il-poplu ħalli jaqrah u jitgħallem minnu.*

*Nifirħu lill-Klabb Kotba Maltin għall-ħidma siewja tiegħu. Inħajruh iwessa' l-ħarsa tiegħu u jibda jħaddan kotba fuq xjenza, reliġjon, arti u kull qasam ieħor. Il-letteratura mhix biss ir-rumanz u l-poeżija imma kull qasam tax-xjenza u l-arti.*

*Inħeġġu l-Atturi Theatre Group li jkompli jżomm l-livell għoli fil-għażla tal-produzzjonijiet tiegħu u li jara li l-pubbliku jkun edukat billi joħloqlu ambjent letterarju, serju u dinjituż.*

*Nittamaw li t-Teatru Manoel jagħlaq il-bibien tiegħu għal xogħol ta' livell li ma jlaħħaqx mad-dinjità letterarja Nazzjonali.*

*Nawguraw lill-Knisja f'Malta li tieħu ħsieb tgħallem d-duttrina permezz tal-letteratura u lill-professjonisti li qagħtu lill-poplu dak li tgħallmu huma fl-Università u fit-tfittix tagħhom.*

——— o ———

## IL-KITTIEBA U L-AKKADEMJA

L-Akkademja tal-Malti din is-sena organiżżat sensiela ta' laqgħat kulturali li fihom laqqgħet il-pubbliku mal-kittieba tal-Mati. Il-ħsieb huwa illi x-xogħol prinċipali tal-kittieba jkun magħruf aħjar mill-pubbliku. Il-għażla tal-kittieba u tax-xogħljiet tagħhom kienet imnebbħa mis-syllabus li għandhom l-istudenti għall-eżami tal-Malti fl-Advanced Matriculation.

F'dawn il-laqgħat inqraw jew inħadmu xi siltiet mill-kitba tal-awtur u wara saret diskussjoni fuqhom minn panel magħżul apposta. Wara d-diskussjoni l-kittieb innifsu wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu mill-pubbliku fuq ix-xogħol tiegħu. Hadna pjaċir naraw li dawn il-laqgħat qanqlu interess u li n-numru ta' dawk li ħadu sehem kien kbir. Kif kien wieħed jistenna l-biċċa l-kbira tal-pubbliku kienet studenti u l-għalliema tagħhom. Il-laqgħat saru kull nhar t'Erbgħa fis-sala tal-kulleġġ 'St. Albert', il-Belt.

Biex iħeġġeġ dejjem aktar l-istudenti fl-istudju tal-Malti, il-Kunsill tal-Akkademja din is-sena waqqaf żewġ premjijiet għal dawk l-istudenti li jiġu l-ewwel fl-eżami tal-Matli fl-ewwel u fit-tieni sena tal-Iskola Għolja Sekondarja, billi tahom tisħib ta' tlett snin fir-rivista 'Il-Malti'.